

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġeneral (Ir-Raba' Awla) tal-20 ta' Marzu 2013, Rousse Industry vs Il-Kummissjoni (T-489/11) li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors tal-appellant intiż għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/706/UЕ, tat-13 ta' Lulju 2011, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.28903 (C 12/10) (ex N 389/09) mogħtija mill-Bulgarija lil Rousse Industry (ĠU 2012, L 320, p. 27) – Għajnuna mill-Istat fil-forma ta' kanċellament ta' debiti – Deċiżjoni li tiddikjara din l-għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u li tordna l-irkupru tagħha – Ksur tar-regoli proċedurali li jippreġudika d-drittijiet tal-appellant – Ksur tad-dritt tal-Unjoni mill-Qorti Ġeneral

Dispożittiv

- 1) *L-appell huwa miċħud.*
- 2) *Rousse Industry AD hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C 207, 20.07.2013.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sozialgericht Duisburg (il-Ġermanja) fis-16 ta' Jannar 2014 – Ana-Maria Talasca, Angelina Marita Talasca vs Stadt Kevelaer

(Kawża C-19/14)

(2014/C 142/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Sozialgericht Duisburg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ana-Maria Talasca, Angelina Marita Talasca

Konvenuta: Stadt Kevelaer

Domandi preliminari

- a) It-tieni subparagraphu tal-Artikolu 7(1) tal-Ktieb II tas-Sozialgesetzbuch huwa kompatibbli mad-dritt tal-Komunità Ewropea?
- b) Fil-każ ta' risposta negattiva, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja għandha temenda s-sitwazzjoni legali fis-seħħ jew inkella tirriżulta direttament sitwazzjoni legali ġidida u, f'dak il-każ, liema waħda?
- c) It-tieni subparagraphu tal-Artikolu 7(1) tal-Ktieb II tas-Sozialgesetzbuch għandu jibqa' fis-seħħ sakemm l-istituzzjonijiet tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja jwettqu l-emenda leġiżlattiva (jekk ikun il-każ) neċċessarja?

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nejvysshí správní soud (ir-Repubblika Ċeka) fit-18 ta' Diċembru 2013 – Ško-Energo s.r.o. vs Odvolací finanční ūreditelství

(Kawża C-43/14)

(2014/C 142/11)

Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek

Qorti tar-rinviju

Nejvysshí správní soud

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Ško-Energo s.r.o.

Konvenuta: Odvolací finanční ūreditelství